## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 ta' Lulju, 2016

**Talba Nru:** 94/16 DMA

**Blokrete Limited**
**(C 263)**

**Vs**

**Jimmy Vassallo (ID 135678M) u**
**Clearly International Distribution Limited ( 25353)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2016 fejn is-socjeta' attrici Blokrete Limited qedgha titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma komplessiva ta' erbat elef sebgha u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€4,047.54) rapprezentanti:

In kwantu ghal tlett elef disa' mija u seba' Euro u erbgha u sebghin centezmu (€3,907.54) sehemhom mill-kont tad-dawl u ilma numru 10100017926 , li jservi l-fond 'Idexe' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta relattiv ghall-perjodu meta l-istess fond kien fil-pusses u mikri lil Clearly Limited Distributions Limited u l-kont kien registrat f'isem

Jimmy Vassallo u in kwantu ghal mija u erbghin Euro (€140) spejjez relattivi ghall-qtugh u konnessjoni mill-gdid tas-servizzi.

Bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-20 ta' Jannar, 2016 kontra l-konvenuti bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikatipprezenta risposta fejn ecepixxa:

1. Illi t-talba attrici mhux gustifikata fl-ammont minnha mitlub u ghalhekk l-intimati mghandhomx ibghatu l-ebda spejjes jew interessi. L-ammont tal-volta huwa ta' elfejn tlett mija tlieta u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€2,383.93);

2. Salv risposti ulterjuri.

Illi wara li gew ipprezentati dokumenti irrizulta illi l-ammont dovut huwa dak ta' elfejn hames mija sebgha u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,567.55). Filfatt giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni ghal amont ta' elfejn hames mija sebgha u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,567.55) fis-26 ta' Mejju, 2016.

Illi dan l-ammont jirrizulta li huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn hames mija sebgha u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,567.55) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jitqasmmu billi s-socjeta' attrici thallas kwart u l-konvenut ihallas tlett kwarti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**